# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 26 ta' Jannar 2023**

**Appell numru 320/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Anton BALDACCHINO**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Ġunju 2022 fil-konfront ta' Anton BALDACCHINO (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 151372M) li ġie mixli talli:

> B'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur minn Frar 2021 sa April 2021 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Selina Maria Scerri u/jew lil uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalija u/jew għall-uliedu fi żmien ħmistax -il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat l-Artikoli 338(z), 7 u 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat BALDACCHINO ħati

tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għal perjodu ta’ xahar detenzjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi BALDACCHINO appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkuża kif miġjuba fil-konfront tiegħu, tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tiegħu u minflok tinfliġġi piena iktar idonea skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr is-segwenti:

(i) Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-appellant jissottometti li n-nuqqas tiegħu li jħallas il-manteniment dovut ma kienx b’kapriċċ jew sabiex jipprova jaħrab mill-obbligi tiegħu, iżda kien purament minħabba li kien għaddej minn problemi ta’ natura finanzjarja;

(ii) Illi l-appellant umilment jissottometti li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ, il-piena nflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet waħda eżaġerata u li r-riżultat tagħha ser ikun li tkompli tipprekludih milli jħallas il-manteniment dovut u konsegwentement tali nuqqas li jkollu effetti detrimenti anki fuq il-wild minuri tiegħu li tant għandhom relazzjoni tajba.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

4. Illi nhar it-30 t’April 2021, Selina Maria Scerri għamlet rapport ġewwa l-Għassa ta’ Raħal Ġdid li l-ex sieħeb tagħha nonche’ missier il-wild minuri tagħhom, l-appellant Anton BALDACCHINO kien naqas milli jħallas il-manteniment dovut ta’ Ewro 350 fix-xahar għax-xahar ta’ Frar sa April tas-sena 2021. Hija rraportat li dan l-obbligu ta’ manteniment kien imsejjes fuq digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hekk kif maħruġ mill-Imħallef Antonio G. Vella u liema somma hekk iffissata kellha titħallas kull nhar l-14 -il ġurnata tax-xahar li jkun.

5. Illi l-Pulizja sejħet lill-appellant Anton BALDACCHINO sabiex jiġi mitkellem fejn jirriżulta li dakinhar tat-30 t’April 2021 huwa ma setgħax jattendi l-Għassa għax kien dieħel jorqod. Sussegwentement saru diversi tentattivi oħra biex huwa jmur l-

Għassa. Sal-Ħadd 9 ta' Mejju 2021 l-appelant kien għadu ma rrapurtax l-Għassa kif mitlub. Il-Pulizija għalhekk ħarġu l-imputazzjonijiet kontra tiegħu.

6. Illi jirriżulta li nhar it-3 ta' Settembru 2021 kien sar mandat ta' sekwestru eżekuttiv mill-parte ċivile fil-konfront tal-imputat BALDACCHINO liema mandat kien ikopri s-sekwestru ta' flejjes fit-total ta' Ewro 6178.79 li fihom kien jinkludi wkoll il-pendenzi ta' manteniment dovut sa mit-13 ta' Novembru tas-sena 2019 (Ewro 3468) inkluż dak mertu tal-proċeduri odjerni ċjoe' bejn Frar u April 2021. Jirriżulta wkoll mhux ikkontestat li fil-ġurnata ta' nhar l-10 ta' Diċembru 2021, il-Bank of Valletta kienet għaddiet lill-parte ċivile s-somma ta' Ewro 3916 in eżekuzzjoni (in parte) tal-imsemmi mandat ta' sekwestru u li tali somma kienet tkopri l-pendenzi tal-manteniment reklamat f'din il-proċedura.

7. Illi nhar l-1 ta' Settembru 2021 l-appellant kien ġie notifikat bid-data tal-kawża. Fl-4 t'Ottubru 2021 l-appellant deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'rabta mal-imputazzjoni kif miġjuba u ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li naqas minn dan l-obbligu ta' ħlas ta' manteniment kif imsemmi hekk kif għalkemm il-ħlas sar, dan kien sar tardivament.

**Ikkunsidrat**

8. Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li jirriżulta ppruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-appellant iddekada mill-obbligu tal-ħlas tar-retta alimentarja lill-exs sieħba tiegħu għal binhom minuri skont kif iffissat minn digriet ta' Qorti Ċivili. L-appellant isostni li dan huwa m'għamlux kapriċċjożament iżda għaliex kellu problemi finanzjarji. Din ir-raġuni mhix skużanti biex wieħed jonqos mid-dmirijiet tiegħu. Jekk l-appellant ikun għaddej minn sitwazzjoni diffiċli, r-rimedju li għandu huwa li jitlob lil Qorti Ċivili biex tirrevedi l-posizzjoni tiegħu. Jekk imbagħad dik il-Qorti tara li jkun ġustifikat li jkun hemm xi bdil, tkun dik il-Qorti li tordna dan. Fin-nuqqas ta' tali ordni ġudizzjarju reviżjonanti u fin-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment dovut fin-nuqqas ta' tali reviżjoni ġudizzjarja, jiskattaw il-mekkaniżmi tal-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu.

9. Il-ġurisprudenza ma tħalli lok għal u ma tippermetti l-ebda dekadenza arbitrarja da parti tal-persuna marbuta b'dan l-obbligu ta' ħlas:

> ...jekk persuna ma tkunx tista' tħallas il-manteniment ordnat anke f'każ li persuna tisfa' bla xogħol, dan ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digriet ta' Qorti Ċivili, obbligu sanċit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi taħtu hu akkużat l-appellant. Ir-rimedju li għandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi żmien utli lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jħallas anqas jekk ikun il-każ.[1]

10. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment bil-provi li kellha quddiemha, issib ħtija fl-appellant BALDACCHINO u mhux il-każ li għandha tiġi ddisturbata d-diskrezzjoni tagħha f'dan is-sens.

11. Issa, għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju konċernanti l-piena inflitta, din il-Qorti tqis li l-piena nflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' ġimagħtejn detenzjoni hija waħda li hija żbaljata fil-prinċipju. Għalkemm il-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' xahar detenzjoni hija waħda li tirrientra fil-parametri legali ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali, mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, b'mod tali li allura l-perjodu ta' detenzjoni kellu jitla' skont l-iskala ta' pieni kif stipulat fl-Artikolu 31(ġ) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li l-perjodu ta' xahar detenzjoni ma kienx jirrifletti l-iskala ta' piena hekk kif intqal. Madanakollu ma sarx appell mill-Avukat Ġenerali f'dan is-sens.

12. Minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-appellant ittransiġa l-ammont pendenti li kien ikopri s-somma ta' flus mertu tal-kawża in kwistjoni, u dan riżultat ta' mandat ta' sekwestru li ġie esegwit fl-10 ta' Diċembru 2021 u għalhekk fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Il-parte ċivile u l-Avukat Ġenerali jargumentaw li huwa minnu li l-ammont mertu ta' dawn il-proċeduri ġie saldat biss dan sar b'riżultat ta' mandat ta' sekwestru u biex bil-buona volonta' tal-appellant. L-appellant kien messu adixxa l-Qorti Ċivili sabiex jirrevedi d-digriet li permezz tiegħu huwa kien marbut jekk verament issa f'din is-sede qiegħed jilmenta minn problemi ta' natura finanzjarja. Kien ikun iktar għaqli li jirrikorri għal Qorti Ċivili f'mument fejn huwa ma setax jonora l-obbligu tiegħu ta'

[1] **Il-Pulizija vs. Anthony Saliba** deċiża nhar il-15 ta' Lulju 1998; **Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri** deċiża nhar it-18 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija vs. Lawrence Mifsud** deċiża nhar il-15 ta' Ottubru 2009.

ħlas kif imsemmi milli jibqa' jagħmel ta' rasu, jikser il-Liġi biex imbagħad jitlob il-klemenza ta' din il-Qorti.

13. Mill-banda l-oħra, ġurisprudenza soda tgħallem li din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra temperament fil-piena meta l-ħlasijiet pendenti jkunu saru.[2] Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Publius Said** deċiż nhar il-25 ta' Settembru 2003 intqal:

> L-iskop tal-leġislatur, meta introduċa din il-kontravenzjoni fil-Kodiċi Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalċitranti sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi għandhom dejjem jiġu osservati skrupolożament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjuġi. F'dan il-każ dan l-għan intlaħaq u għalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena.

# Deċide

**Għaldaqstant, din il-Qorti tilqa' dan l-appell biss in parti fejn filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, mill-banda l-oħra tirriformaha f'dik il-parti konċernanti piena billi tħassarha fejn imponiet il-piena ta' xahar detenzjoni, u minflok peress li tqis li jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum. Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem ser li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

---

[2] **Il-Pulizija vs. Evan Mamo** deċiża nhar is-27 ta' April 2005; **Il-Pulizija vs. Juan Debono** deċiża nhar id-19 ta' Jannar 2017; **Il-Pulizija vs. Mario Gafa'** deċiża nhar l-1 ta' Novembru 2010; **Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi** deċiża nhar is-26 ta' Settembru 2011**; Il-Pulizija vs. Joseph Brincat** deċiża nhar il-21 ta' Mejju 2013; **Il-Pulizija vs. Mario Camenzuli** deċiża nhar is-16 ta' Diċembru 2015.